Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 680/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**
**v**

**RUBEN CURMI**
**RONALD AGIUS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **RUBEN CURMI** ta’ tmienja w tletin sena, bin Anthony u Ann nee Camilleri, imwieled Pieta nhar d-disgha ta’ Lulju 1970 u joqghod Plot 102, Triq in-Ninfa Calypso, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita numru 314170M u **RONALD AGIUS** ta’ sitta w tletin sena, bin France u Mary nee Spiteri, imwieled Pieta nhar s-sittax t’Awwissu 1972 u joqghod 15, Triq Nardu Ellul, Hal Kirkop, detentur tal-karta tal-identita numru 369872M gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar t-tnejn ta’ Lulju 2006, ghal habta tas-saghtejn w nofs ta’ wara nofsinhar, gewwa l-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha, b’nuqqas ta’



Qrati tal-Gustizzja

hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Johanna Elizabeth Margeretha Kallin.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-impuat Ronald Agius nhar s-sittax ta' Lulju 2006 esibita bhala Dok. CSH 1 a fol 15, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Ruben Curmi nhar s-sittax ta' Lulju 2006 esibita bhala Dok. CSH 2 a fol 17 tal-atti, u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax t'Ottubru 2008 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tlieta w ghoxrin t'Ottubru 2008.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar l-erbgha ta' Dicembru 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar s-sebgha t'Awwissu 2006, **xehed Doctor Simon Degabriele** (fol 12) fejn qal li fiz-zmien ta' l-incident cioe fit-tnejn ta' Lulju 2006 hu kiena jokkupa l-kariga ta' *house officer* fid-Dipartiment tal-Kirurgija fl-isptar San Luqa u li fil-fatt hu kien ezamina lil Johanna Elizabeth Margaretha Kallin. Ftakar li kien hareg id-*discharge letter* relattiva u esebixxa kopja tad-*discharge letter* li kien hareg f'isem din Margaretha Kallin wara li l-istess persuna kienet giet mizmuma bhala pazjenta fl-isptar San Luqa, liema *discharge letter* datata tmienja ta' Lulju 2006 giet immarkata mill-Qorti bhala Dok CSH (fol 14). Qal li din il-pazjenta kellha *a ruptured spleen*. Qal li hu ma kienx it-tabib li ezaminaha waqt li kienet l-isptar, pero kienet pazjenta taht ir-responsabbilta tal-konsulent tieghu il-Professur Godfrey Laferla. Qal li xoghlu kien biss li jaghmel *discharge letter* wara li kien qara l-istorja taghha mill-*history file* taghha mizmuma mill-istess sptar.

Ikkonferma li l-milsa hija organu fil-gisem w ghalhekk il-feriti li ssubiet din l-istess pazjenta fl-i*spleen* kienu ta' natura gravi.

Illi nhar s-sbatax ta' Lulju 2006, **xehdet Johanna Elizabeth Margaretha Kallin** (fol 19) fejn qalet li hi u hbiebha studenti tal-SES kienu l-bajja tal-Ghadira w iddecidew li jmorru ghal rikba fuq *banana boat* u marru jitolbu permess lil *leaders* taghhom biex imorru fuqha u dawn tawhom il-permess. Ghalhekk, kompliet tghid ix-xhud hadu zewg liri u l-*life jackets* u telghu fuq il-*banana boat*. Qalet qabel ma telqu bil-*banana boat*, s-sewwieq staqsihom jekk riedux li jitwaqqghu minn fuqha u hi u xi ftit ohra minn shabha qalulu li ma riedux, filwaqt li l-ohrajn xtaqu li jitwaqqghu minn fuqha. Qalet li li s-sewwieq tal-*banana boat* beda jsuq bl-għaġġla u wara ftit dan waqaf f'daqqa u hi spiccat taret minn fuqha flimkien ma habiba taghha Isabelle u weġġħet darha u qalet lil habiba ohra taghha, Frida li kellha bzonn l-ghajnuna biex terga titla fuqha ghax ma setghetx tghum. Ghalhekk l-habiba taghha ghenitha titla lura fuq il-*banana boat* w s-sewwieq nizzel sellum biex hi tkun tista titla. Qalet li hi qalet lis-sewwieq li kellha ugiegh f'darha u hu fetah *life jacket* u qalilha li la kellha demm jew xi haga ohra. Qalet li wara ftit dahlu lura fix-xatt u l-*leader* taghha u xi hbieb ghenuha tinzel ghaliex ma setghetx timxi bl-ugiegh w imtedded mal-art.

Kompliet tghid lil l-*leader* Nicola ghajtet lit-tabib tal-SES u dan qalilha biex tmur mill-ewwel ghand tabib. Ghalhekk, kompliet tghid qabdu taxi sal-Mosta Health Centre fejn hemm irriferewha l-isptar San Luqa ghaliex kienet hazin hafna. Qalet li l-isptar San Luqa hadulha xi testijiet tad-demm, *ultrasound* w X Rays w is-*surgeon* qalilha li kien ser izommha ghal sitta w tletin siegha. Qalet li l-incident gara l-Ħadd, t-tnejn ta' Lulju 2006.

Qalet li ghaddiet l-lejl l-isptar u l-ghada t-tobba ndunaw li d-demm kien baxx w ghalhekk hadulha *ultrasound* iehor peress li hasbu li kellha xi demm fl-istonku u ghamlulha xi *scanning* biex jaraw l-organi kollha w indunaw li kellha l-i*spleen* incarrta u kellha *bleeding* fl-istonku. Ghalhekk

kellhom joperawha malajr nhar t-Tnejn, tlieta ta' Lulju 2008 ghal habta tad-disgha w nofs. Qalet li qabel m'operawha cemplu lil ommha u damet mimduda l-isptar ghal gimgha shiha qabel ma giet licenzjata mill-isptar nhar t-tmienja ta' Lulju 2006. Qalet li ommha waslet Malta l-Erbgha, jumejn wara l-operazzjoni.

Mistoqsija jekk tgharafx lil imputati u liema wiehed minnhom kien is-sewwieq tal-*banana boat*, ix-xhud gharfet lis-sewwieq bhala l-imputat Ronald Agius filwaqt li lil imputat l-iehor m'gharfitux.

Qalet li meta marret l-ghassa, giet mgharrfa li ma setghux isibu r-rapport tal-incident li hasbet li kien sar mill-isptar w ghalkhekk cemplu l-isptar biex jistaqsu x'kienu qalu lil pulizija u l-isptar qalulhom li ma kienx *police case*.

Qalet li hi tiftakar li tkellmet mal-pulizija u kienet marret lura l-bajja tal-Ghadira w indikat lis-sewwieq. Mistoqsija mill-Qorti jekk hux l-istess persuna presenti l-Qorti li gia ndikat, ix-xhud wiegbet li le.

Mistoqsija tghid x'gara dakinhar, x-xhud qalet li huma marru biex ihallsu u tawhom *life jacket* u hargu fit-triq jistennew l-*boat*. Mistoqsija jekk iffirmatx xi karti jew ratx xi *notice boards*, jew *warnings*, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Irrepetiet li qabel ma bdiet issuq l-*banana boat*, is-sewwieq kien staqsihom jekk riedux li jitwaqqghu minn fuqha jew le u hi rrispondiet li ma rieditx.

In kontr'ezami, mistoqsija jekk dik kienetx l-ewwel darba li rikbet fuq *boat* simili, ix-xhud wiegbet li kienet l-ewwel darba u kemm damet Malta qatt ma rikbet *boat* simili qabel. Qalet li ddecidew li jmorru fuq din il-*boat* ghal habta tas-saghtejn jew is-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar. Mitluba tispjega l-forma ta' din l-*banana boat* x-xhud qalet li din qisha 'banana' u ghandha qisu habel u post fejn toqghod bil-qeghda u fejn tqieghed saqajk. Qalet li bhala *seats* kien hemm xi tmienja u hi kienet bil-qeghda t-tieni wahda fuq quddiem. Qalet li t-tmien postijiet kienu mimlija. Qalet li wara li hadu l-*life jackets* u nizlu fuq x-xatt, kellhom jistennew l-*boat* tigi ghax ma

kienetx ghadha hemmhekk. Mistoqsija la darba ma kienetx ghadha rat l-*boat*, kif iddecidiet li tmur fuqha, ix-xhud qalet li shabha kienu qalulha biex imorru fuqha u hi accettat. Mistoqsija jekk is-sewwieq staqsiex lil kull wahda minnhom, riedux li jitwaqqghu minn fuq il-*boat*, x-xhud qalet li hu staqsa lil kullhadd f'daqqa u filwaqt li hi qalet li ma rieditx hafna minn shabha qalu li riedu pero s-sewwieq qabad u saq. Mistoqsija ghaliex, nonostante l-fatt li shabha xtaqu li jitwaqqghu minn fuq il-*boat*, hi xorta ghazlet li tibqa fuqha u tmur ghal dan t-*trip*, ix-xhud wiegbet li ghaliex hi xorta xtaqet tghaddi minn din l-esperjenza li tirkeb l-*banana boat*.

Mistoqsija meta marret taghmel r-rapport l-ghassa, ix-xhud wiegbet li marret il-Ġimgha u cioe gimgha wara li giet licenzjata mill-isptar u dan peress li kienet ghadha ghajjiena. Mistoqsija meta waslet Malta ommha, x-xhud wiegbet li waslet nhar l-Erbgha, jumejn wara l-operazzjoni. Qalet li ommha nhar t-tmienja ta' Lulju 2006 kienet gia Malta. Mistoqsija jekk ommha marritx l-ghassa bejn t-tmienja ta' Lulju u l-erbatax ta' Lulju 2006, x-xhud wiegbet li ma marritx.

Mistoqsija kemm kien ilha fuq il-*banana boat* qabel ma waqghet, x-xhud wiegbet li kien ilha xi tlett jew hames minuti wara li telqu. Qalet li waqghet appena l-i*speed boat* saqet. Qalet li l-*banana boat* kienet qed tigi migbuda minn *speed boat* u hi waqghet appena l-*banana boat* inqalbet. Qalet li kien hemm xi mewg u hi waqghet kif il-*banana boat* bdiet ddur. Qalet li hi kienet liebsa *life jacket* maqfulha sew mal-qadd u ssikkata.

In re-ezami x-xhud, mistoqsija jekk kienx hemm minn naha tas-sewwieq tal-*banana boat*, xi decizjoni dwar l-fatt li l-passiggieri li kienu ser jitwaqqghu kollha, x-xhud wiegbet li ma kienx hemm, semplicement staqsa d-domanda lil kullhadd f'salt. Mistoqsija jekk kienetx hi l-unika wahda mit-tmienja li kien hemm fuq l-*banana boat* li qalet li ma rieditx li titwaqqa minn fuq il-*boat*, ix-xhud qalet li kienet semghet lil tnejn ohra jghidu li ma xtaqux li jitwaqqghu minn fuq il-*banana boat*.

Mistoqsija tispjega x’kien il-*misunderstanding* li kien bejn l-isptar u l-ghassa, ix-xhud qalet li meta kienet giet operata, kien hemm ragel li qalilha li l-pulizija kienu jafu li hi kienet giet operata ghaliex dakinhar kien hemm tlett incidenti fuq *banana boat*.

Illi nhar s-sittax ta’ Settembru 2008, **xehed il-Professur Godfrey Laferla** (fol 101) fejn spjega li fit-tlieta ta’ Lulju 2006 hu kien il-konsulent kirurgu tal-ghassa gewwa l-isptar San Luqa meta kienet giet ammessa Johanna Elizabeth Margaretha Kallin. Spjega li skond ma gie nfurmat, din kienet giet mitfugha minn fuq xi *speed boat*. Qal li ghall-ewwel din giet ezaminata fil-*casualty department* u deher li kellha trawma fuq in-naha tax-xellug ta’ sidirha. Dak il-hin kienet tat storja li kienet waqghet minn fuq *banana boat* u kienet waqghet fuq habiba taghha. Qal li kienet qed tikkomplenja minn ugiegh fuq in-naha tax- xellug ta’ sidirha u sussegwentement meta waslet l-emergenza, bdiet tikkomplenja minn ugiegh generali gewwa zaqqha. Qal li fil-fatt kienet qed tbati iktar meta kienet mimduda u l-ugiegh beda jitla’ minn zaqqha lejn iz-zewg spallejn taghha. Qal li dak il-hin meta giet ezaminata kienet f’kundizzjoni stabbli u kellha ugiegh generalizzat fuq zaqqha kollha u kellha dak li huma jghidlulu *guarding rebound* jigifieri li zaqqha tibbies meta tmissha minhabba l-irritazzjoni li kien hemm gewwa.

Qal li din inghatat il-medikazzjoni li kien hemm bzonn, fosthom id-*drip*, sarilha wkoll *ultrasound* w imbaghad CT scan li ghall-ewwel wera li kellha daqxejn ilma go zaqqha w imbaghad meta beda jzid l-ugiegh, rrizulta li kien hemm ghoqod ta’ demm madwar il-milsa u b’hekk ttiehdet fis-sala operatorja u wara li nfethet zaqqha, gie kkonfermat li l-milsa taghha kienet infaqghet w ghalhekk tnehhiet il-milsa.

Qal li wara l-operazzjoni, hija ghamlet rikoveru tajjeb u kienet lesta biex titlaq mill-isptar fit-tmienja ta’ Lulju 2006. Qal li dawn il-feriti huma ta’ natura zghira. Zied jghid li l-ewwel darba li giet ezaminata l-pazjenta fl-isptar San Luqa kien fit-tnejn ta’ Lulju 2006 u kienet giet operata l-ghada. Meta gie muri *discharge letter* esibita f’dawn l-atti

bhala Dok CSH, ix-xhud qed li Doctor Degabriele jaqa’ fit-*team* tieghu.

Illi nhar l-erbgha ta’ Dicembru 2008, **xehed l-imputat Ronald Agius** minn jeddu b’mod voluntarju (fol 113) fejn qal li hu jahdem ma Costa del Sol u li fil-fatt hu driver ta’ dghajsa u jigbed l-*inflatables*, liema *inflatables* pero ma jkunux taghhom imma jkunu tal-indivdwu personali. Mistoqsi jekk jiftakarx dwar dan l-incident ix-xhud wiegeb li ma jiftakar xejn, fil-fatt lanqas biss jaf li gara dan it-tip ta’ incident kif gie allegat. Qal li kieku sehh dan l-incident kien jidhol gewwa u jinforma lill-pulizija u l-ambulanza. Qal li l-allegat kaz odjern jikkoncerna *banana* li fuqha joqghodu tmien persuni. Qal li jiftakar li dakinhar fuq il-*banana boat* kien hemm tmien persuni fuqha u din ghandha tmien *handles* u kull wiehed izomm mal-*handle*. Qal li x-xoghol tieghu huwa li jaghtihom *life jacket* u jehodhom *ride* ta’ hmistax il-minuta. Qal li hu jinfurmhom sabiex ma jiccaqalqux waqt li jkunu fuq din il-*banana* u ma jippruvawx jaqilbuha. Spjega li din hija xi haga minfuha f’wicc l-ilma u dan ghaliex tista tinqaleb facilment w ghalhekk is-soltu jkun hemm nies fuq din il-*banana boat* biex joqghodu jcaqilquha u jippruvaw iwaqqghuha.

Qal li gieli jkollok massa ta’ studenti ta’ l-iskola u tohrog sebgha darbiet f’gurnata wahda u f’kull vjagg qabel ma jitilqu, jinforma lill-passiggieri kif ghandhom igibu ruhhom fuq din il-*banana boat*. Fftakar dan il-kaz partikolari ghaliex darba minnhom kien ghaddej bix-xoghol fuq id-dghajsa u kien gie nfurmat li kellu jidhol *base*, ix-xatt fejn effettivament jopera. Qal li hemmhekk sab zewg kuntistabbli tal-pulizija u kienu fil-presenza ta’ zewg nisa barranin fejn infurmawh biex immur l-ghassa tal-Qawra ghax ried ikellmu l-ispettur. Qal li dawn bdew jaghmlu referenza ghal incident li allegatament kien sehh fil-gimghat ta’ qabel. Qal li fil-perjodu ta’ tliet gimghat li lahqu ghaddew, lilu hadd ma kellmu fuq dan l-incident. Qal li dakinhar li gie rrapurtat dan l-istess incident, hadd ma kien infurmah li kien waqa’ jew li kien wegga’ xi hadd.

In kontr’ezami ix-xhud ftakar li kien irrilaxxja stqarrija quddiem l-Ispettur. Mistoqsi jiftakarx x’qal fl-istqarrija,

wiegeb li ma jiftakarx. Qal li dakinhar li allegatament sehh dan l-incident, ma giet l-ebda ambulanza u ma kien hemm l-ebda rapport illi kien hemm xi persuna li sofriet xi incident. Qal li huwa minnu pero li hu rikkeb lil din il-persuna li qed tghid li weġġhet f'dan l-incident u li hu saq id-dghajsa, pero m' gharafhiex meta xehdet il-Qorti.

Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru **xehed l-imputat Ruben Curmi** minn jeddu b'mod voluntarju (fol 116) fejn qal li huwa l-imghallem tal-ko akkuzat Ronald Agius. Qal li d-dghajjes tal-Costa del Sol jappartjenu lilu u li dak iz-zmien fit-2006, il-permessi tal-pulizija kienu f'ismu. Qal pero illi huwa Ronald Agius illi jiehu hsieb il-gestjoni ta' dan in-negozju. Spjega li hu ghandu x'jaqsam mal-lukanda u l-bar tal-Costa del Sol. Ftakar li darba fost l-ohrajn ra lill-pulizija nezlin fuq il-bajja u staqsiehom x'kien gara u qalilhom li hu s-sid ukoll u l-pulizija qalulu sabiex immur maghhom l-ghassa u hekk ghamel. Qal li kien jaf li dak inhar li kien is-sittax ta' Lulju 2006 hu kien rrilaxxja stqarrija, liema stqarrija raha esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok CSH 2 a fol 17.

Ikkunsidrat:-

Illi huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kulll dubbju dettat mir-raguni. Illi l-prosekuzzjoni ghandha dmir li tipprova kull element tar-reat li l-imputat jigi akkuzat bih u l-imputat m'ghandu li jipprova xejn, izda jekk jaghzel li jixhed, huwa jesponi ruħu ghal kull domanda minn naha tal-prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk, f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-vittma verament kellha incident waqt li kienet fuq il-*banana boat* misjuqa mill-imputat Ronald Agius u minhabba t-traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, Johanna Elizabeth Margaretha Kallin sofriet xi danni, f'dan il-kaz, ta' natura gravi.

Illi f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ppruvat li verament Johanna Elizabeth Margaretha Kallin kellha griehi ta'

natura gravi ghaliex tnehhilha l-organu tal-milsa l-isptar Mater Dei nhar t-tlieta ta’ Lulju 2006.

Dwar l-incident, il-pulizija ressqet lil vittma tixhed nhar s-sbatax ta’ Lulju 2006 fejn din spjegat li hija kienet riekba fuq il-*banana boat* flimkien ma xi ħbieb taghha, studenti tal-SES fil-bajja tal-Għadira, u li waqghet minn fuqha meta l-imputat, li gharfet presenti fl-awla, gibed il-*banana boat* bl-i*speed boat*. Qalet li dakinhar hi weġgħet serjament tnat li lanqas setghet terġa titla fuq il-*banana boat* u kellha tkun il-ħabiba tagħha li ghenitha. Qalet li kienu tmienja fuq il-*banana boat* u ma kienetx hi waħedha li waqgħet.

Il-prosekuzzjoni ressqet wkoll lil Professur Godfrey Laferla jixhed nhar s-sittax ta’ Settembru 2008, fejn spjega l-feriti li kellha l-vittma w ikkonferma li l-pazjenta giet operata nhar t-tlieta ta’ Lulju 2006 sabiex tneħħitilha l-milsa.

Il-prosekuzzjoni pero ma ressqet ebda prova ohra, salv li esibiet l-istqarrija tal-imputati.

Illi minn ezami tal-istqarrija tal-imputat Ronald Agius, ma jirrizultax li l-imputat kien ko-partecipi f’xi ncident ghaliex fil-fatt, meta gie mistoqsi (fol 16) x’jaf jghid fuq l-incident li allegatament seħħ nhar t-tnejn ta’ Lulju 2006, u rappurtat lil pulizija fil-hmistax ta’ Lulju 2006 minn tfajla ta’ nazzjonalita Svediza, huwa jghid b’mod kategoriku li ma kien jaf xejn dwar.

Illi ghalkemm il-pulizija ezekuttiva kienet taf mill-bidu nett dwar c-caħda tal-imputat Ronald Agius dwar dan l-incident, hija pero ma ressqet l-ebda prova ohra, biex tikkollobora t-tezi taghha u cioe li Johanna Elizabeth Margaretha Kallin korriet fuqa il-*banana boat* misjuqa mill-imputat jew ahjar li hija korriet minahha bl-agir traskurat tal-imputat Ronald Agius, bhal xi student li allegatament kien mal-vittma fuq il-*banana boat*, jew il-leader li kien maghha, jew xi mpjegat li kien hemm fuq ix-xatt, jew lil persuna li haditha l-isptar, jew addirittura t-tabib tal-SES li allegament ezaminaha dritt wara l-incident – xejn minn dan. Sfortunatament, l-prosekuzzjoni straħet biss fuq

rapport maghmul minn persuna ta' nazzjonalita barranija, tlettax il-jum wara li seħħ l-allegat incident.

Illi l-imputat Ronald Agius deher l-Qorti w ikkonferma li hu kien rikkeb lil xi Svediza, ghalkemm m'gharafhiex il-Qorti. Jghid pero li hadd ma rrappurtalu li kienet weġgħet mieghu jew li għamlet xi *complaint* dwar s-sewqan tieghu. Kien biss fis-sittax ta' Lulju 2006 meta sema' dwar dan l-allegat incident, meta zewg pulizija nizlu fuq ix-xatt allegatament ma zewg barranin, u staqsewh fuq dan l-incident ghaliex l-vittma identifikat lilu bhala li kien is-sewwieq tal-*banana boat* li kienet riekba fuqha meta weġgħet.

Illi l-vittma stess ma taghti ebda deskrizzjoni dwar s-sewqan ta' Ronald Agius, jekk effettivament kienx traskurat jew perikoluz. Ma tghid xejn, lanqas dwar d-dinamika tal-incident.

Illi l-identifikazzjoni li saret fuq l-imputat Ronald Agius wkoll ma kienetx waħda kif imiss.

Illi dwar l-akkuzat Ruben Curmi, il-Qorti rat li dan hu biss l-operatur tan-negozju fl-istabbiliment Costa del Sol u li ghandu l-licenzja tad-dgħajjes f'ismu, pero m'għandu x'jaqsam xejn mal-gestjoni tan-negozju tas-sewqan tal-*banana boat* li fuqha allegatament kienet Johanna Elizabeth Margaretha Kallin. Ir-responsabbilita kriminali tieghu tieqaf meta hu jimpjega persuna li ghandu licenzja sabiex isuq d-dgħajjes. Ghalhekk, ma jistax jkun responsabbli ghas-sewqan ta' Ronald Agius, specjalment f'dan il-kaz meta lanqas gie ppruvat li Ronald Agius kien traskurat, lanqas remotament.

Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tħoss li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprovga l-kaz taghha.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 328 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputati RUBEN CURMI u RONALD AGIUS hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-**

**konfront taghhom u tiddecidi li tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputati jhallsu l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ma sabet ebda ħtija fl-imputati odjerni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------